MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 494/2000/1

**Rita, armla ta' Emanuel Livori, flimkien ma' uliedha Consiglio, Michael, Marija u Josephine Gauci, ilkoll ahwa Livori**

**v.**

**1. Tarcisio Cassar**
**2. Kummissarju Tal-Pulizija**
**3. Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-atturi li pprezentaw fil-15 ta' Marzu, 2000, u taqra hekk:

"Peress illi l-atturi huma lkoll proprjetarji tal-fond 'Josilmicmar', Triq is-Suq, Zejtun;

“Peress illi l-atturi kollha salv Josephine Gauci jirrisjedu fl-istess fond;

“Peress li l-konvenut Tarcisio Cassar huwa proprjetarju ta’ blokk bini adjacenti ghall-fond proprjeta’ tal-atturi;

“Peress illi minn dan il-fond il-konvenut Tarcisio Cassar qieghed jezercita sengha t’argenterija u inginerija;

“Peress illi fl-ezercizzju ta’ din is-sengha l-konvenut Tarcisio Cassar jaghmel uzu minn magni industrijali kbar li qed joholqu storbju w inkonvenjent kbir lill-atturi u anke jdamdmu u jhezzu bil-vibrazzjonijiet taghhom il-fond tal-atturi;

“Peress illi fl-ezercizzju tal-istess sengha l-konvenut Tarcisio Cassar jaghmel uzu wkoll minn kimici u sustanzi tossici u velenuzi li jimmettu rwejjah u ‘fumes’ dannuzi ghas-sahha tal-atturi, fuq kollox tal-attur Michael Livori li jsofri minn kundizzjoni severa ta’ azzma u tal-attrici Rita Livori li ssofri minn attakki akuti ta’ emigranja kagun ta’ incident serju li hija kellha fil-passat;

“Peress illi fl-1994 il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ad insaputa tal-atturi kien hareg permess lill-konvenut Tarcisio Cassar sabiex mill-fond ‘Twins’, Vjal il-25 ta’ Novembru, Zejtun jopera numru ta’ magni industrijali elenkati fl-imsemmija licenzja, li kopja taghha giet annessa u mmarkata bhala Dok. ‘A’;

“Peress illi l-fond tal-atturi huwa adjacenti ghal blokk ta’ bini proprjeta’ tal-konvenut Tarcisio Cassar, liema blokk ta’ bini jinsab kantuniera u ghandu faccata ghal fuq Triq is-Suq fejn hemm tlett garaxxijiet li jinfdu minn go xulxin, faccata ohra li taghti ghal fuq Vjal il-25 ta’ Novembru fejn il-konvenut Tarcisio Cassar ghandu d-dar tieghu, bl-isem ‘Twins’, filwaqt illi f’din il-binja ghandu wkoll hanut li jinsab skontru fil-kantuniera preciz, liema hanut il-konvenut Tarcisio Cassar jirreferi ghalih bl-isem (mhux ufficjali) ‘Twins II’;

“Peress illi l-bini tal-konvenut Tarcisio Cassar huwa hames (5) filati izjed gholi mill-fond tal-atturi;

“Peress illi qabel ma l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija hareg l-imsemmija licenzja fl-1994 jirrizulta illi ma gewx segwiti l-proceduri rikjesti skond il-ligi ghall-hrug ta’ permessi inkluz l-otteniment tal-kunsens tal-girien u fil-fatt l-atturi fl-ebda mument ma qatt gew mitluba jiffirmaw dik li hija maghrufa bhala in-neighbour’s consent form;

“Peress illi l-atturi kienu kitbu dwar dan il-fatt lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija permezz ta’ ittra datata l-hamsa (5) ta’ Gunju, 1994 (vide Dok. ‘B’ u ‘C’);

“Peress illi l-atturi ilhom jirrisjedu fil-fond taghhom fuq imsemmi mill-1977 filwaqt li l-konvenut Tarcisio Cassar bena l-fondi tieghu fl-1987;

Peress illi oltre dan l-atturi kienu talbu li jigu istitwiti proceduri ta’ natura kriminali kontra l-konvenut Tarcisio Cassar li fil-fatt fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Gunju, 1994 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kien ammetta li kien qed jopera magni industrijali minghajr permess (vide Dok. ‘D’);

“Peress illi fid-dsatax (19) ta’ Dicembru, 1994 l-Bord ta’ Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija wara li rrimarka illi hafna magni kbar li kien hemm fil-fond tal-konvenut Tarcisio Cassar ma kienux intizi biss ghax-xoghol tal-fidda rrakkomanda illi kellha ssir applikazzjoni gdida li tkun tinkludi wkoll l-approvazzjoni tal-Awtorita’ tal-Ippjanar u wera wkoll il-fehma illi l-indirizz tal-post fejn instabu l-magni huwa differenti minn dak li fuqu kienet mahruga l-licenzja (vide Dok. ‘E’);

“Peress illi fil-fatt dawn il-magni kienu, u ghadhom, jinstabu fil-garaxxijiet fi Triq is-Suq, u cioe’ adjacenti mal-fond tal-protestanti, u mhux fil-fond ‘Twins’ fi Vjal il-25 ta’ Novembru, Zejtun li fuqu inhareg il-permess originali mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija fl-1994 (vide Dok. ‘A’);

“Peress illi l-konvenut Chairman tal-Awtorita’ tal-Ippjanar approva l-applikazzjoni tal-konvenut Tarcisio Cassar ghal ‘full development permission’ fuq l-applikazzjoni numru PA4251/95 mahruga fuq il-fond “Turns House” (li ma jezistix - prezumbilment ried jaqra ‘Twins House’) fi Vjal il-25 ta’ Novembru, Zejtun pero’ naturalment “subject to Trading Licence approval from the Police Department”;

“Peress illi l-atturi, kemm personalment kif ukoll tramite l-konsulenti legali taghhom, kienu ghamlu protestazzjonijiet kemm mal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija u kif ukoll mal-konvenut Chairman tal-Awtorita’ tal-Ippjanar u kienu anke ressqu l-kaz taghhom quddiem l-Ombudsman;

“Peress illi permezz ta’ rakkomandazzjonijiet rilaxxjati fis-sbatax (17) t’April, 1996 (vide Dok. ‘F’) l-Ombudsman kien, prevja dikjarazzjoni illi l-ilment imressaq mill-atturi kien gustifikat, irrakkomanda li jinghata rimedju billi l-Awtorita’ tal-Ippjanar tirtira l-approvazzjoni taghha tal-erbgha (4) ta’ Dicembru, 1995 u l-Kummissarju tal-Pulizija jizgura li jekk il-konvenut Tarcisio Cassar japplika ghal-licenzja tali applikazzjoni tigi trattata skrupolozament skond l-Avviz Legali Numru XXVIII tal-1991 u r-rakkomandazzjonijiet tal-Police Licence Advisory Board tad-dsatax (19) ta’ Dicembru, 1994 u li jizgura wkoll li ma jsirx xoghol li ghalih m’hemmx licenzja valida;

“Peress illi minkejja dan fl-1996 il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija hareg licenzja a favur tal-konvenut Tarcisio Cassar biex ikun jista’ jzomm hanut tax-xoghol u sabiex jezercita sengha ta’ argentier u ‘sheetmetal worker’ u sabiex izomm diversi magni fil-fond ‘Twins II’ fi Vjal il-25 ta’ Novembru, Zejtun, u dan kif jirrizulta mill-annessi kopji ta’ licenzji mmarkati Dok. ‘G’ u ‘H’;

“Peress illi cosi facendo l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija agixxa illegalment u abbuzivament stante illi huwa kien jaf, kif jirrizulta mill-fuq Peress, illi l-hrug ta’ dawn il-licenzji kien se johloq danni w inkonvenjent kbir ghall-atturi;

“Peress illi fil-fatt il-konvenut Tarcisio Cassar qieghed izomm dawn il-magni u jezercita s-snajja u l-industriji tieghu mhux mill-fond ‘Twins II’ fi Vjal il-25 ta’ Novembru, izda mill-garaxxijiet illi huwa ghandu fi Triq is-Suq, Zejtun, kontigwi mal-fond residenzjali tal-atturi;

“Peress illi anke l-konvenut Chairman tal-Awtorita’ tal-Ippjanar bl-approvazzjoni tal-applikazzjoni sottomessa mill-konvenut Tarcisio Cassar agixxa illegalment u abbuzivament stante illi l-aprovazzjoni ta’ tali applikazzjoni tmur kontra dak li hemm mahsub fl-Att Numru I tal-1992 fil-parti li titratta dwar ‘Urban Areas’;

“Peress illi minkejja diversi azzjonijiet, proceduri, ittri u tentattivi ohra li rrikorrew ghalihom sallum l-atturi sabiex din is-sitwazzjoni tigi rimedjata, dawn ma kellhom ebda ezitu pozittiv, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji-:

“1. tiddikjara illi l-konvenut Tarcisio Cassar bl-ezercizzju tal-industrija tieghu kif fuq deskritt qieghed jarreka danni kbar u ingenti lill-atturi, liema danni jikkonsistu wkoll, ‘inter alia’, fid-deprezzament fil-valur tal-fond proprjeta’ tal-istess atturi;

“2. tillikwida d-danni li l-konvenut Tarcisio Cassar arreka u qieghed jarreka lill-istess atturi, okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi;

“3. tikkundanna lill-konvenut Tarcisio Cassar biex ihallas lill-atturi l-imsemmija danni fis-somma kif likwidata;

“4. tiddikjara illi l-hrug tal-licenzja numru TL/C/83/96 da parti tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija a favur tal-konvenut Tarcisio Cassar sar abbuzivament u illegalment u li fil-hrug tal-imsemmija licenzja ma gewx segwiti l-proceduri rikjesti mil-ligi;

“5. tikkundanna lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirrevoka l-imsemmija licenzja numru TL/C/83/96 kif ukoll kull licenzja u permess iehor minnu mahruga rigwardanti l-istess sit a favur tal-konvenut Tarcisio Cassar;

“6. tiddikjara illi l-approvazzjoni tal-applikazzjoni ghal zvilupp PA4251/95 interposta mill-konvenut Tarcisio Cassar da parti tal-konvenut Chairman tal-Awtorita’ tal-Ippjanar saret abbuzivament u illegalment u b’nuqqas ta’ osservanza tal-istess ligijiet u regolamenti dwar l-ippjanar tal-izvilupp;

“7. tikkundanna lill-konvenut Chairman tal-Awtorita’ tal-Ippjanar sabiex jirrevoka l-permess numru PA4251/95 minnu mahrug a favur tal-konvenut l-iehor Tarcisio Cassar;

“8. taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti l-ohra kollha opportuni ntizi sabiex jigu protetti u salvagwardjati d-drittijiet tal-atturi.

“Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju intavolat u prezentat kontra l-konvenuti fit-28 ta’ Ottubru, 1999 li minn issa huma lkoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Tarcisio Cassar li in forza taghha eccepixxa:
“Illi in kwantu jikkoncernaw lill-eccipjenti t-talbiet attrici mhux biss huma nsostenibbli fil-fatt u fid-dritt izda addirittura huma l-koncepiment ta’ ossessjoni esasperanti, frivoli u vessatorji.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tac-Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi preliminarjament li l-**kawza odjerna hi preskritta** skond il-ligi u dan b’mod partikolari **skond l-art. 469A (3) tal-Kapitlu 12** tal-Ligijiet ta’ Malta. Skond ic-citazzjoni odjerna it-talbiet maghmula kontra l-Awtorita’ tal-Ippjanar u cioe’ it-talbiet numru 6 u 7 kif dedotti fic-citazzjoni - qed jallegaw li l-istess Awtorita’ agixxiet b’mod abbuz u illegali,

azzjoni li allura hi regolata skond l-artikolu 469A (1) tal-Kap. 12. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li l-atturi kienu gew informati bil-konferma tad-decizjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni il-PA 4251/95 b'ittra datata l-ghaxra (10) ta' Dicembru, 1997 (ara Dok. PEM 2 li gie anness mac-citazzjoni).

"2. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost li din l-Onorabbli Qorti **ma ghandhiex il-gurisdizzjoni** li tissindika decizjonijiet tal-Awtorita' tal-Ippjanar stante li l-atturi kellhom id-dritt li jappellaw quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fil-konfront tad-decizjoni mehuda mill-istess Awtorita' dwar l-applikazzjoni PA 4251/95, u sussegwentement l-istess atturi setghu jappellaw minn decizjoni ta' dan il-Bord lill-Qorti tal-Appell fuq punti ta' ligi decizi mill-istess Bord. Illi jirrizulta li **l-atturi naqsu milli jutilizzaw dan id-dritt li taghtihom il-ligi**.

"3. Illi t-talbiet bin-numri 1,2,3,4 u 5 ma jirrigwardjax l-agir tal-Awtorita' imma l-agir tal-konvenuti l-ohra u ghalhekk fil-konfront ta' dawk it-talbiet, l-Awtorita' ma hiex responsabbli. Illi dipiu' l-Awtorita' ma hiex responsabbli ghal hrug ta' permessi jew licenzji da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija.

"4. Illi **bla pregudizzju ghas-suespost**, kuntrarju ghal dak li qed jghidu l-atturi fit-talbiet numri 5 u 6 fic-citazzjoni odjerna, l-Awtorita' tal-Ippjanar fl-ipprocessar tal-applikazzjoni PA 4251/95 maghmula mill-applikant Tarcisio Cassar, ma kkommettiet l-ebda abbuz jew illegalita, imma aggixxiet skond il-proceduri stabiliti taht l-Att Numru 1 tal-1992.

"5. Illi r-revoka ta' permess mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar tista' issir biss skond il-proceduri kif stabiliti skond il-ligi b'mod partikolari skond l-Att Numru 1 tal-1992. Illi huma l-istess atturi li naqsu li jutilizzaw ir-rimedji li kellhom skond l-istess ligi.

"Salv eccezzjonijiet ohra.

"Bl-ispejjez kontra l-istess atturi."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi t-talbiet diretti kontra l-eccipjent huma bla bazi guridika jew fattwali in kwantu l-allegazzjonijiet huma bazati fuq kwistjonijiet ta’ “buon vicinat” u ma jimpingu xejn fuq l-awtorita’ tal-eccipjent li dejjem jirrilaxxa licenzja minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tat-terzi.

“2. Illi inoltre l-ligi tipprovdi ghal rimedji bhal aditu ghall-bordijiet biex jaghtu parir lill-esponent fil-hrug tal-licenzji u l-atturi ghandhom dejjem il-fakolta li jaghmlu r-rapprezentazzjonijiet taghhom meta l-licenzji jigu mgedda.

“3. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet kollha diretti fil-konfront tal-ecccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

“Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.”

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Jannar, 2001, fejn gie dikjarat illi l-azzjoni attrici hija preskritta fil-konfront tal-Awtorita` tal-Ippjanar;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ April, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

- “Fl-1978 inharget licenzja lill-konvenut biex jahdem bhala *goldsmith.*

- “Il-konvenut rega’ applika fil-15 ta’ Jannar, 1994 sabiex jiggestixxi sena *to act as a gold and silver smith to sell gold and silver articles, watches, fine crystal and glass watches;* kif ukoll biex jinkludi xi makkinarju (Dok DM1 a fol. 459).

- “Fl-ewwel ta’ Gunju, 1994 il-konvenut jinsab hati mill-Qorti tal-Magistrati li zamm magni minghajr licenzja tal-Pulizija u li dejjaq il-girien bi hsejjes tal-magni (ara fol. 108).

- “Fit-8 ta’ Awissu, 1994 Emanuel Livori oggezzjona mall-Pulizija ghall-permess mahrug lill-konvenut sabiex juza’ magni ndustrijali go proprjeta’ fl-abitat u dan meta suppost kellu jgib il-firem tal-girien, liema haga ma saritx (Dok DM2 a fol. 460).

- “Illi fuq din l-oggezzjoni l-Pulizija kitbet lill-Bord ta’ Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Settembru, 1994 (Dok DM3 a fol. 461) biex jinhatar il-Bord halli jisma’ l-oggezzjoni ta’ Emanuel Livori u jaghti l-parir mehtieg lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-licenzja ta’ Tarcisio Cassar.

- “Il-Bord ta’ Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija fid-19 ta’ Dicembru, 1994 irrakkomanda li kellha ssir applikazzjoni gdida (Dok DM4 a fol. 462).

- “Illi l-Kummissarju tal-Pulizija ta ordni fl-24 ta’ Mejju, 1995 sabiex il-makkinarju li kien hemm oggezzjoni fuqu jew jitnehha jew jigi ssiggillat (Dok DM5 a fol. 463).

- “Emanuel Livori ressaq il-kaz dwar il-hrug ta’ permess quddiem l-Ombudsman li fit-18 ta’ April, 1996 (Dok DM6 a fol. 465) laqa’ l-ilment bhala wiehed gustifikat u li kellu jigi rimedjat. (Sussegwentement il-Kummissarju johrog a bazi ta’ dina r-rakkomandazzjoni licenzja fl-1999 b’kundizzjonijiet annessi maghha).

- “Illi fl-24 ta’ April, 1996 il-konvenut jerga’ japplika *to keep a w/shop garage and to act as a gold and silversmith and sheet metal worker* (Dok DM7 a fol. 469). Il-Pulizija kitbet lid-dipartimenti koncernati dwar din l-applikazzjoni sabiex tara jekk hemmx oggezzjoni ghall-hrug ta’ tali licenzja. Il-Pulizija kitbet lid-dipartimenti hawn indikati:

- “Awtorita’ tal-Ippjanar

- “Dipartiment tas-Sahha Pubblika
- “Taqsima tax-Xogholijiet Dipartiment tad-Drenagg
- “Ufficcju tat-Taxxi Interni
- “Dipartiment ghall-Harsien tal-Ambjent
- “Awtorita’ dwar is-Sahha u Sigurta’ fuq il-post tax-xoghol.

- “Skont ma jirrizulta min-*Neighbours Consent Form* (Dok DM8 a fol. 482) Rita Livori toggezzjona li tinhareg licenzja lis-sur Cassar fil-post Twins II Vjal il-25 ta’ Novembru, Zejtun.

- “Minhabba din l-oggezzjoni, il-Pulizija kitbet lil Police Licences Advisory Board fid-19 ta’ Awissu, 1998 sabiex jinhatar il-Bord skont l-Avviz Legali 18 tal-1991 sabiex jaghti r-rakkomandazzjonijiet tieghu (Dok DM9 a fol .486).

- “Illi l-Bord fl-ittra tieghu datata 15 ta’ Jannar, 1999 (Dok DM10 a fol. 487) indirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija rrakkomanda li l-licenzja ghandha tinhareg b’certi kundizzjonijiet. Din ir-rakkomandazzjoni nghatat wara li l-Bord sema’ lill-istess Rita Livori, mar fuq il-post in kwistjoni, thaddmu l-makni halli l-Bord seta’ jiggudika l-qawwa tal-hsejjes li dawn jikkagunaw. Kif ukoll kellhom a disposizzjoni taghhom *noise level survey* li sar minn Albert Sacco, Inginier u *senior lecturer* fl-Universita’ ta’ Malta.

- “Rita Livori appellat minn dina r-rakkomandazzjoni permezz ta’ ittra datata 28 ta’ Jannar, 1999 (Dok DM11 a fol. 489).

- “It-Tribunal tal-Appell wara li ghamel zjara fuq il-post u kellem lis-sid u sema’ l-ilment tal-girien b’ittra datata 1 ta’ April, 1999 indirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija (Dok DM12 a fol. 492) irrakkomanda li l-licenzja tista’ tinhareg bil-kundizzjonijiet kif indikati mill-Bord ta’ Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija tal-15 ta’ Jannar, 1999.

- “Il-Kummissarju tal-Pulizija hareg il-licenzja skont kif irrakkomanda l-Bord ta’ Pariri (Dok DM13 a fol. 493).

- "Fil-24 ta' Novembru, 1999 il-konvenut jigi liberat mill-akkuzi li zamm magni minghar licenzja tal-Kummissarju tal-Pulzija u li dejjaq il-girien bi hsejjes tal-magni (ara fol. 177).

- "Fil-15 ta' Marzu, 2000 infethet dina l-kawza.

- "B'ittra datata 22 ta' Settembru, 2000 Rita Livori terga' toggezzjona ghat-tigdid tal-licenzja (Dok DM14 a fol. 498) u l-Kummissarju tal-Pulizija ghal darb'ohra rega' kiteb lill-Bord ta' Pariri dwar licenzji tal-Pulizija permezz ta' ittra datata 5 ta' Dicembru, 2000 (Dok DM15 a fol. 499).

"**Konsiderazzjonijiet**

"Illi l-ilment principali li jaghmlu l-atturi huwa li, fl-ezercitar tas-sengha ta' argenterija u inginerija, l-konvenut Cassar jaghmel uzu minn magni ndustrijali kbar li qed joholqu storbju w inkonvenjent kbir ghalihom u jdamdmu u jhezzu bil-vibrazzjonijiet il-fond taghhom. Inoltre jilmentaw ukoll minn irwejjah u *fumes* li jigu emessi minn xi kimici li juza l-istess konvenut.

"Illi l-atturi jilmentaw li l-permessi mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija hargu abbuzivament u illegalment abbazi tal-fatt li fl-1994 l-istess Kummissarju hareg permess minghajr in-"neighbour's consent". Madankollu wara protesti li saru mill-istess atturi l-Bord ta' Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija rrikkomanda li kellha ssir applikazzjoni gdida li tkun tinkludi wkoll l-approvazzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar u wera wkoll il-fehma illi l-indirizz tal-post fejn jinsabu l-magni huwa differenti minn dak li fuqu kienet mahruga l-licenzja.[1]

"Illi sussegwentement il-konvenut Cassar applika u ottjena l-permessi necessarji mill-Awtorita` tal-Ippjanar fuq il-fond "Twins House" Vjal il-25 ta' Settembru, Zejtun. Fl-1996 inharget licenzja gdida favur il-konvenut mill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikun jista' jzomm hanut tax-xoghol u biex jezercita sengha ta' argentier u "sheetmetal worker" u

[1] Dok E a fol. 33.

sabiex izomm diversi magni fil-fond "Twins II", Vjal il-25 ta' Novembru, Zejtun.

"Illi fil-kors tal-applikazzjoni ta' din il-licenzja l-konvenut Cassar kien rikjest li jaghmel rapport dwar il-livell ta' storbju emess mill-fond fejn kien jahdem. Ghal dan il-ghan huwa nkariga lill-Inginier Albert Sacco li hejja r-rapport relattiv.[2] Illi apparti dan ir-rapport kien thejja rapport iehor mill-Perit Tekniku William Cassar Torreggiani u l-Perit Albert Fenech li kienu gew nominati fl-atti ta' kawza kriminali kontra l-istess Cassar.[3] Illi f'dan l-ahhar rapport gie konkluz is-segwenti:

*"2. Illi meta l-esponenti accedew fil-fond tal-complainant u kienu operati l-magni separatament kif ukoll xi whud f'daqqa, kellhom ipoggu widnejhom mal-hajt kif indikat il-familja Livori (complainant) biex setghu jinstemghu il-hoss.*

*"3. Illi d-Dawe Sound Level Meter irregistra massimu ta' 38 dBA li hu livell accettabbli ghal matul il-gurnata.*

*"4. Il-livell tal-hsejjes rakkomandat mill-B.S. 4142 tal-1967 u Swiss Limiting Values matul il-gurnata hu ta' 50 dBA meta wiehed jikkonsidra l-post bhala "mixed residential area".*

"<u>Licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija</u>

"Illi wara li hadet in konsiderazzjoni dan kollu l-Qorti sejra tibda billi tezamina l-ilmenti tal-atturi fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija. Illi l-atturi qeghdin jitolbu illi jigi dikjarat li l-hrug tal-licenzja **numru TL/C/83/96** da parti tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija a favur tal-konvenut Tarcisio Cassar sar abbuzivament u illegalment u li fil-hrug tal-imsemmija licenzja ma gewx segwiti l-proceduri rikjesti mil-ligi. Illi kif gja gie indikat din il-licenzja kienet inharget fl-1999 wara li l-konvenut Cassar kellu jerga' japplika peress li l-Bord ta' Pariri Dwar Licenzji tal-Pulizija

[2] Dok. A sa Dok. C a fol. 401 – 408.
[3] Dok. TC2 a fol. 170.

rrikkomanda li ssir applikazzjoni gdida li tkun tinkludi l-approvazzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar peress li fil-post kien hemm madwar tnax-il magna. Irrimarka wkoll li fil-fehma tieghu l-indirizz tal-post fejn kien hemm il-makni huwa differenti minn dak li originarjament harget il-licenzja fuqu. L-Ispettur Dominic Micallef spjega kif, qabel jinghata permess, irid ikun hemm in-“neighbour consent form” tal-persuni li joqghodu sa 20 metru ‘l boghod mill-fond li fuqu jkun qieghed jintalab il-permess. Huwa spjega li l-Pulizija li mar ikejjel ha l-kejl mill-bieb principali tal-fond tal-konvenut Cassar u allura l-fond tal-atturi ma kienx waqa’ fl-20 metru delinejati mill-ligi. Pero’ spjega li wara r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman il-konvenut Cassar rega’ applika u din id-darba il-proprjeta` ta’ Livori dahlet fil-parametri tan-“neighbours’ consent form”. Qal li sussegwentement inharget licenzja favur Cassar b’xi kundizzjonijiet. Spjega li ghalkemm kien hemm daqsxejn ta’ diskrepanza fl-indirizz fir-rigward tal-hrug tal-licenzja, il-Pulizija tesigi li mall-applikazzjoni jkun hemm pjanta tal-post kif ukoll *site plan* u li l-licenzja tkun harget fuq il-pjanta tal-post kif ikun dak in-nhar. F’dan is-sens huwa wkoll ir-rapport maghmul mill-Assistant Kummissarju Maurice C. Borg DM 16 u 17 a fol. 501 tal-process fejn gie konfermat li l-postijiet jinfdu minn go xulxin u li kollox gie indikat fil-pjanta qabel inhareg il-permess. Dan gie kostatat mill-Qorti waqt l-access mizmum minnha.

“Illi mid-dokumentazzjoni esebita mill-Ispettur Dominic Micallef jirrizulta l-istess atturi inghataw id-dritt skond il-ligi li joggezzjonaw ghall-hrug tal-istess licenzja.[4] Il-Kummissarju kiteb ukoll lid-dipartimenti koncernati biex jivverifikaw kienx hemm xi oggezzjoni da parti taghhom, u cioe’:-

“a) Awtorita` tal-Ippjanar
“b) Dipartiment tas-Sahha Pubblika
“c) Taqsima tax-xogholijiet Dipartiment tad-Drenagg
“d) Ufficcju tat-Taxxi Interni
“e) Dipartiment ghall-Harsien tal-Ambjent

[4] Dok. DM8 a fol. 482.

“f) Awtorita dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-post tax-xoghol.[5]

“Dawn ma kellhomx oggezzjoni.

“Ghalhekk jirrizulta li qabel inharget il-licenzja l-atturi kienu nstemghu mhux biss mill-Licences Advisory Board u mit-Tribunal tal-Appelli dwar Licenzji tal-Pulizija, imma saru *on site inspections* u tqabbdu esperti (anke mill-Qorti tal-Magistrati) li f’dan ir-rigward kollha kkonfermaw id-decizjoni li l-licenzja kellha tinhareg wara li dina giet ezaminata u riveduta aktar minn darba minn diversi entitatjiet.

“Ghaldaqstant dina l-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura mill-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija li agixxa fil-parametri ta’ dak li tirrikjedi l-ligi. Illi l-Qorti tirrileva illi l-istess Kummissarju hareg il-licenzja in kwisjtoni soggetta ghal diversi kondizzjonijiet fosthom li x-xoghol li jsir fl-imhazen fl-applikazzjoni ikun biss dak purament marbut ma’ l-argenterija u li ma jsir l-ebda xoghol ta’ “sheet metal” jekk ma jkunx relatat ma’ l-argenterija, u li l-hinijiet normali tax-xoghol ghandhom ikunu mis-7am sas-7pm fejn ma jsiru l-ebda hsejjes bejn is-1pm u l-4pm li jkunu ta’ inkonvenjent ghall-girien.[6] Dana l-permess bhal dejjem inhareg *saving third parties civil rights.*[7]

“<u>Attivita’ tal-konvenut Cassar</u>

“Il-Qorti issa sejra tikkonsidra jekk l-attivita` tal-konvenut Cassar hix qieghedha tirreka xi tip ta’ dannu lill-atturi. Jigi sottolinejat illi llum il-gurnata uhud mill-atturi m’ghadhomx jirrisjedu fl-istess fond.[8] Illi l-attrici tilmenta illi l-konvenut Cassar fl-ezecizzju tas-sengha tieghu jaghmel uzu minn magni ndustrijali kbar f’zona residenzjali u li qed joholqulhom storbju w inkonvenjent kbir u anke jdamdmu u jhezzu bil-vibrazzjonijiet il-fond taghhom. Inoltre l-attrici

[5] ara korrispondenza immarkata Dok. DM7.
[6] Dok. DM13 a fol. 493.
[7] App. Mifsud vs Camilleri 15 ta’ Dicembru, 2004.
[8] Celio Livori telaq mid-dar fit-2006 (ara fol. 392), u r-ragel tal-attrici miet fis-17 ta’ Frar, 1997 (ara fol. 336).

ilmentat li l-konvenut qieghed jaghmel uzu minn kimici u sustanzi tossici u velenuzi li jimmettu rwejjah u “fumes” dannuzi ghas-sahha taghhom, l-aktar ta’ binha Michael Livori li jsofri minn kundizzjoni ta’ azzma u taghha peress li issofri minn attakki akuti ta’ emikranja kagun ta’ incident serju li kellha fil-passat.[9]

“Illi ghalkemm din il-Qorti hija konxja li l-hajja tal-attrici u binha tista’ tkun difficli bil-kundizzjonijiet medici li ghandhom, ma tqisx illi l-konvenut ghandu xi tip ta’ responsabbilta` ghal tali cirkostanzi. Li trid tezamina din il-Qorti hu jekk l-attivita` tal-konvenut hix qed tirreka d-dannu allegat mill-atturi.

“Illi t-talba principali attrici fil-konfront tal-konvenut Cassar hija li l-istess konvenut bl-ezercizzju tal-industrija tieghu qieghed jirreka danni kbar u ingenti lill-atturi, liema danni jikkonsistu wkoll, “inter alia”, fid-deprezzament fil-valur tal-fond proprjeta` tal-istess atturi.

“Illi din il-Qorti tibda biex tiddikjara illi fir-rigward tad-deprezzament fil-valur tal-fond tal-atturi ma ngabet l-ebda prova da parti taghhom u ghaldaqstant tqis li din it-talba mhiex gustifikata.

“Illi fir-rigward tad-danni l-ohra reklamati, din il-Qorti wkoll thoss li hemm skarsezza ta’ provi da parti tal-atturi. Skond l-istess atturi d-danni ghandhom jigu likwidati *arbitrio boni viri* sabiex jirriflettu bis-serjeta` dawn is-snin kollha li fihom l-atturi kellhom jimpenjaw ruhhom bis-shih fi proceduri gudizzjarji biex iharsu lilhom infushom, minflok impenjaw ruhhom biex jaqilghu l-flus u jiggeneraw il-profitti ghall-familja.[10] Illi din il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni tal-atturi. Illi anke kieku stess dak li qeghdin jirreklamaw l-atturi kien gustifikat, kif hu ben risaput, il-Qrati taghna m’ghandhomx il-fakulta’ li jillikwidaw danni morali stante li dawn jistghu jinghataw biss f’certi kazijiet bhal thassir ta’ gherusija u bhala rimedju f’kawzi kostituzzjonali.

---

[9] Affidavit attrici a fol. 99.
[10] Sottomissjoni ta’l-atturi a fol. 742’

"Illi l-atturi talbu lil din il-Qorti taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti l-ohra kollha opportuni ntizi sabiex jigu protetti u salvagwardjati d-drittijiet tal-atturi. Illi b'din it-talba din il-Qorti tifhem illi l-atturi qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tiehu dawk il-mizuri necessarji fil-konfront tal-konvenut Cassar jekk jirrizultala li l-attivita` tieghu qieghdha tkun ta' inkonvenjent ghalihom. Illi biex isir dan irid l-ewwel jigi stabbilit in-natura u l-entita` tal-inkonvenjent li l-atturi qeghdin jilmentaw minnu.[11]

"Illi fil-mori tal-kawza l-atturi talbu li l-Qorti taghmel access fil-post in kwistjoni, liema talba giet milqugha u fil-fatt sar access fl-20 ta' Mejju, 2009 fejn din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fond tal-attrici u dak tal-konvenut u wkoll tal-apparat/magni li hemm fil-garaxx tal-konvenut.[12] Illi da parti tieghu i-konvenut esebixxa zewg rapporti biex jissostanzja l-eccezzjoni tieghu li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

"Illi l-Qrati taghna kellhom l-opportunita` diversi drabi jippronunzjaw rwiehhom fuq kazijiet ta' buon vicinat bejn girien. Per ezempju, fis-sentenza taghha "**John Testa vs. Anthony Bruno et noe**"[13] l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) qalet hekk :

*"F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li hu principju rikonoxxut kemm-il darba fil-gurisprudenza lokali illi l-molestja ghandha tigi sopportata mill-vicin meta ma tkunx gravi u ma tkunx gravi jekk ma teccedix il-limiti tat-tolleranza."*

"Fil-fehma tal-Qorti, il-hsejjes emessi mill-fond tal-konvenut, kif analizzati mill-espert Inginier Albert

---

[11] Din mhiex kawza ta' natura kostituzzjonali kontra l-istat. (Ara nota ta' sottomissjonijiet a fol. 741). Apparti li jistghu jissemmew sentenzi tal-Qorti Ewropeja bhala Fadeyeva vs Russia 55723/00 u Fagerskiold v Sweden 37664/04, il-ligi ordinarja nostrana ilha li hasbet biex tipprotegi d-dritt li wiehed ighix hajja trankwilla u ghal bon vicinat (ara sentenza "Bugeja -Washington, App. Civili tal-5 ta' Mejju, **1897).**

[12] Ara fol. 730 u n-notamenti li saru mill-Qorti fuq l-pjanta ezibita a fol. 251 tal-process.

[13] 30 ta' Mejju, 1988, Vol. LXII, P. II, p. 560.

Sacco, anke fil-presenza tal-Perit Joseph Magro inkarigat mill-atturi,[14] u mill-esperti teknici William Cassar Torreggiani u Albert Fenech - liema analizi l-Qorti ma ssib ebda raguni biex tiskarta - ma humiex tali illi jikkostitwixxu nkonvenjent jew molestja gravi li qed jippretendu l-atturi. Dawn kollha skond l-attrici minkejja l-kwalifiki taghhom naqsu li jaraw affarijiet daqstant evidenti. L-esperti u l-periti (anke dawk nominati mill-Qorti[15]) wara li sspezzjonaw il-post, kollha qablu li ma kien hemm ebda hoss, vibrazzjoni jew fastidju tali li kien qed jirreka molestja ta' natura gravi kif prevvist mill-gurisprudenza lanqas meta l-magni gew imhaddma kollha f'daqqa.[16]

"Fis-sentenza **"Pio Bezzina vs. Giacomo Galea"**[17] il-Qorti qalet:

*"Jista' liberament jinghad li l-gurisprudenza taghna hija, f'din il-materja, f'dan is-sens; jigifieri li d-dritt tal-proprjetarju li juza u jiddisponi mill-haga proprja ghandu jigi kontemperat ma' dak tal-komproprjetarji vicini; u kwindi, jekk il-molestja prodotta bl-ezercizju ta' stabbiliment industrijali mhix gravi, jigifieri ma teccedix dak il-limiti ta' tolleranza li jikkostitwixxi l-vera mizura ta' l-obbligi tal-bon vicinat, ghandha tigi sofferta mill-vicin; imma jekk l-inkomodu jkun gravi, eccessiv u insopportabbli, jew ahjar mhux facilment tollerabbli, allura l-vicin jista' jezigi li jispicca, anke jekk ikun gej minn stabbiliment licenzjat; ghaliex il-licenzja ma tippregudikax id-dritt tat-terzi. U biex wiehed jiggudika jekk il-molestji prodotti minn stabbiliment industrijali humiex jew le gravi, jigifieri mhux facilment tollerabbli, ghandu jzomm kont tac-cirkostanzi partikulari ...".*

"Illi minn dak li setghet tirriskontra dina l-Qorti waqt l-access mizmum minnha fl-20 ta' Mejju, 2009 jidher illi llum

---

[14] Ara xhieda tal-Perit Joseph Magro a fol. 259.

[15] William Cassar Torreggiani u l-Perit Albert Fenech gew nominati mill-Qorti tal-Magistrati fil-17 ta' Lulju, 1996 ara fol. 513.

[16] Ara xhieda ta' Albert Sacco a fol. 437 u t-tlett rapporti tieghu li gew ezibiti diversi drabi tul il-process (ez. Fol. 428 et seq, 437 et seq, 401 et seq inter alia.

[17] Vol. XXXIX, P. I, p. 413.

il-gurnata hafna mill-magni fil-garage tal-konvenut ma jintuzawx u ghalhekk hija tal-fehma illi jekk semmai fil-passat seta' kien hemm xi inkonvenjent da parti tal-istess, illum dawn huwa kwazi nezistenti. Pero anke fuq l-inkonvenjent li seta' kien hemm fil-passat dina l-Qorti jidhrilha li l-atturi ma rnexxilhomx jeghlbu l-prova imressqa mill-konvenut Cassar u cioe' illi l-hsejjes emessi mill-makkinarju ma kienux tal-entita` li seta' twassal lil dina l-Qorti biex tiehu dawk il-mizuri sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-atturi.

"Illi waqt l-access gie indikat lill-Qorti fejn kien hemm il-magni.[18] Gie indikat liema magni kienu jahdmu, liema ma jahdmux u liema huma mkissra.[19] Giet indikata pressa li ma tahdmix, pressa tal-idejn u giljottina. Waqt l-access ukoll il-Qorti kkostatat li l-hajt tal-garaxx tal-konvenut imiss l-ewwel ma' hajt ta' garaxx tal-atturi u bejnithom hemm tromba li titla 25 pied tul.[20] Lanqas ma jirrizulta li kienu qed jintuzaw materjali tossici jew li kien qed isir xoghol fil-bitha billi l-ambjent hu tant zghir li difficilment jista' jinzamm makkinarju hemm jew jista' jsir xi xoghol fiha."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … tilqa' dan l-appell, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom."

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … tichad l-appell interpost mill-appellanti filwaqt illi s-sentenza tal-ewwel istanza tigi konfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanti."

---

[18] A fol. 448 tidher il-parti tal-garaxx fejn qabel kienu jithaddmu hafna mill-magni.
[19] William Cassar Torreggiani rrelata li kien hemm magni li ma jahdmux (Ara xhieda a fol. 430 u relazzjoni a fol. 170-176).
[20] Ara fol. 276 u ritratti 273. Albert Sacco xehed li bejn il-hajt divizorju ta' Mrs. Livori u fejn hemm il-magni hemm kamra li tissepara.

Rat ir-risposta tal-konvenut Tarcisio Cassar li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha fil-waqt illi tichad l-appell imressaq mill-appellant, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f’din il-kawza, l-atturi jippremettu li huma joqghodu z-Zejtun u ma’ genbhom hemm fond li fih il-konvenut Cassar jezercita n-negozju tieghu ta’ argentier u inginier. Huma jallegaw li dan il-konvenut jaghmel uzu minn magni industrijali kbar u qed johloq storbju u inkonvenjent kbir lill-istess atturi, u li dan il-konvenut qed jaghmel uzu minn kimici u sustanzi tossici bi hsara ghal sahhithom.  Jirrizulta li fl-1994 il-Kummissarju tal-Pulizija hareg permess lil Cassar biex jopera dan in-negozju mill-fond tieghu, liema permess, skont l-atturi, hareg b’mod abbuziv ghax ma gewx segwiti l-proceduri skont il-ligi.  L-atturi jridu li jigi revokat il-permess li jgawdi Cassar u li, f’kull kaz, l-istess Cassar jigi mizmum milli jkompli jopera mill-fond tieghu.

L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi prodotti, ezaminat id-diversi rapporti tal-esperti mqabbda biex jirrelataw fuq il-hsejjes li allegatament joriginaw mill-fond tal-konvenut Cassar, u wara li anke hi stess zammet access fuq il-post, cahdet it-talbiet attrici peress li qalet illi l-permess hareg b’mod regolari mill-Kummissarju tal-Pulizija u li, f’kull kaz, ma kienx jezisti inkonvenjent jew molestja gravi li qed jippretendu l-atturi.

L-atturi appellaw mis-sentenza u bazikament qed jilmentaw mill-analizi tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti.

Fil-kuntest tal-permess mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija, din il-Qorti tara li l-istess Kummissarju, fir-risposta tal-appell tieghu, ghamel elenku tajjeb tal-fatti li wasslu ghall-hrug tal-permess relattiv, li l-Qorti ivverifikat mal-atti

u sabet illi l-istess elenku huwa korrett. Din il-Qorti, ghalhekk, sejra tipproduci dan l-elenku tal-fatti biex turi li hi taqbel illi, kif fil-fatt sehhew l-affarijiet, ma kienx hemm irregolaritajiet fil-hrug tal-permess.

- Fl-1978 inharget licenzja lis-sur Cassar biex jahdem bhala *goldsmith*;
- Is-sur Cassar rega' applika fil-15 ta' Jannar 1994 sabiex jiggestixxi sengha *to act as a gold and silversmith to sell gold and silver articles, watches, fine crystal and glass watches*; kif ukoll biex jinkludi xi makkinarju u dan kif tindika kopja tal-applikazzjoni;
- Illi l-Pulizija fit-8 ta' Awwissu 1994 irceviet ittra minghand Emmanuel Livori fejn dan oggezzjona ghall-permess mahrug lil Tarcisio Cassar sabiex juza magni industrijali go proprjeta` fl-abitat u dan meta suppost kellu jgib il-firem tal-girien, liema haga zgur ma saritx;
- Illi fuq din l-oggezzjoni l-Pulizija kitbet lill-Bord ta' Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija permezz ta' ittra datata 29 ta' Settembru 1994 sabiex jinhatar il-Bord skont l-Avviz Legali numru 18 tal-1991, halli jisma' l-oggezzjoni ta' Emanuel Livori u jaghti l-parir mehtieg lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-licenzja ta' Tarcisio Cassar;
- Il-Bord ta' Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija fid-19 ta' Dicembru 1994 irrakkomanda li kellha ssir applikazzjoni gdida.
- Illi l-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien is-sur Gorg Grech kien ta ordni fl-24 ta' Mejju 1995 sabiex fil-frattemp il-makkinarju li kien hemm oggezzjoni fuqu u li l-Bord tal-Pariri rrakkomanda sabiex issir applikazzjoni gdida, jew jitnehha jew jigi ssiggillat;
- Illi Emanuel Livori ressaq il-kaz dwar il-hrug ta' permess ta' dawn il-magni quddiem l-Ombudsman. Fit-18 ta' April 1996 dan laqa' l-ilment tas-sur Livori bhala li kien wiehed gustifikat u li kellu jkun rimedjat. Jirrizulta mill-atti processwali li l-Kummissarju ottempera ruhu b'reqqa ma' tali rakkomandazzjoni u hawnhekk issir referenza ghal-licenzja li harget fl-1999 u l-kundizzjonijiet annessi maghha;
- Illi fl-24 ta' April 1996 is-sur Cassar rega' applika *to keep a w/shop garage and to act as a gold and*

*silvewrsmith and sheet metal worker*. Kif jirrizulta minn dan id-dokument, il-Pulizija kitbet lid-dipartimenti koncernati dwar din l-applikazzjoni ghal-licenzja sabiex tara jekk hemmx oggezzjoni ghall-hrug ta' tali licenzja. Il-Pulizija kitbet lid-dipartimenti sotto-indikati:

a. Awtorita` tal-Ippjanar
b. Dipartiment tas-Sahha Pubblika
c. Taqsima tax-Xoghlijiet Dipartiment tad-Drenagg
d. Ufficcju tat-Taxxi Interni
e. Dipartiment ghall-Harsien tal-Ambjent
f. L-Awtorita` dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-post tax-xoghol

- Skont ma jirrizulta min-*Neighbours Concent Form* is-Sinjura Livori oggezzjonat li tinhareg licenzja lis-sur Cassar fil-post Twins II Vjal il-25 ta' Novembru, Zejtun;
- Minhabba din l-oggezzjoni, il-Pulizija kitbet lil Police Licences Advisory Board fid-19 ta' Awwissu 1998 sabiex jinhatar il-Bord skont l-Avviz Legali 18 tal-1991 sabiex jaghti r-rakkomandazzjonijiet tieghu;
- Illi l-Bord fl-ittra tieghu datata 15 ta' Jannar 1999 indirizzata lill-Kummissarju tal-Pulizija rrakkomanda li l-licenzja ghandha tinhareg bil-kundizzjonijiet:

\- li x-xoghol li jsir fl-imhazen fl-applikazzjoni jkun biss dak purament marbut mal-argenterija u li ma jsir l-ebda xoghol ta' *sheet metal* jekk ma jkunx relatat mal-argenterija

\- il-hinijiet normali tax-xoghol ghandhom ikunu mis-7.00a.m. sas-7.00p.m. fejn ma jsiru l-ebda hsejjes bejn is-1.00p.m. u l-4.00p.m. li jkunu ta' nkonvenjent ghall-gieirien.

Gie specifikat li fejn jista' jinqala' l-bzonn li jsir xi xoghol wara l-hin normali ghandu jintalab permess specjali minghand il-Pulizija biex dan ikun jista' jsir.

Kif jirrizulta mill-premess, ir-rakkomandazzjoni ghall-hrug tal-permess inghatat wara li l-Bord tal-Pulizija sema' lill-istess Livori, acceda fuq il-post in kwistjoni u thaddmu l-magni halli l-membri tal-Bord setghu jiggudikaw huma

personalment il-qawwa tal-hsejjes li dawn jikkagunaw. Il-Bord kellu a disposizzjoni tieghu *noise level survey* li kien sar mill-enginier Albert Sacco li kien tqabbad biex jaghmel dan is-*survey* mis-sur Cassar. Minn dan ir-rapport jemergi li l-livell tal-hsejjes tal-makni kien jaqa' fil-limiti accettati skont il-European Council Directive ta' Mejju, 1996, tal-Unjoni Ewropea.

L-atturi appellaw minn din id-decizjoni ghall-quddiem it-Tribunal tal-Appell tal-Pulizija, u din regghet marret fuq il-post, semghet l-ilment tal-atturi, u fl-1 ta' April, 1999, irrakkomandat il-hrug tal-licenzja bil-kundizzjonijiet li kienu gew indikati mill-Bord tal-Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija. Il-Kummissarju tal-Pulizija hareg il-licenzja skont ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Pariri.

Isegwi mill-premess li ma jirrizulta xejn irregolari dwar kif inhareg il-permess. L-ilmenti tal-atturi gew mismugha u meqjusa minn zewg Bordijiet, li l-membri taghhom marru fil-post biex jaraw b'ghajnejhom u jisimghu b'widnejhom x'inhu jigri preciz fuq is-sit. Il-fatt li s-Sinjuri Livori oggezzjonaw ghall-hrug tal-permess ma jfissirx li l-oggezzjoni taghhom kellha bil-fors tigi milqugha; din giet meqjusa u kkonsidrata, u fid-dawl tar-rizultanzi, l-oggezzjoni giet imwarrba.

Din il-Qorti mhix kompetenti biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' Bord imwaqqaf statutorjament biex jiehu d-decizjoni relattiva, u dak li trid tara hu li kollox sar *rite et recte* u li d-decizjoni ma jkollhiex mill-irraggjonevolezza. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-process kien wiehed lecitu u fic-cirkostanzi tal-kaz tqis ir-rakkomandazzjoni wahda ragjonevoli, meta tqis id-diversi kundizzjonijiet li ntrabtu mal-permess. Persuna ma ghandhiex tigi mizmuma milli tezercita s-sengha taghha, basta taht kundizzjonijiet intizi biex iharsu, kemm hu possibbli, l-inkolumita` tal-girien. Jirrizulta li kundizzjonijiet relatati mas-sahha tal-girien gew meqjusa u inkluzi fil-permess li nghata lil Cassar.

L-atturi jilmentaw minn xi differenza fl-indirizz tal-post fejn isir ix-xoghol u kif indikat fuq il-permess. Dan gara peress

li s-sur Cassar ghandu blokk bini f'kantuniera bejn zewq toroq u hu jopera minn zewg garaxxijiet. Il-Bord tal-Pulizija, anke t-Tribunal tal-Appelli, pero`, marru fuq is-sit fejn isir ix-xoghol, u kkonsidraw il-livell ta' inkonvenjent in situ, u ghalhekk l-imprecizjoni li jista' jkun hemm fl-indirizz fuq il-permess ma taffettwax il-kostatazzjonijiet li ghamlu dawn iz-zewg bordijiet.

Hu veru li l-konvenut Cassar ghamel zmien jopera l-magni bla licenzja, tant li f'Gunju tal-1994 instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli zamm magni minghajr licenzja u dejjaq il-girien, u dan wassal lill-Kummissarju tal-Pulizija jordna li jigu ssiggillati l-istess magni, pero`, sussegwentement, kif intwera, l-istess konvenut irregolarizza l-posizzjoni tieghu, billi applika u nghata l-permess relattiv.

Issa kif inhu risaput, il-fatt tal-hrug tal-permess ma jezonarax lill-konvenut Cassar mid-dmirijiet tieghu ta' buon vicinat taht il-ligi civili. Il-principju hu li sid proprjeta` jista' jaghmel li jrid mill-post tieghu fil-limiti tal-ligi u r-rispett ghall-interessi ta' terzi. Din il-Qorti, fil-kawza **Bajada v. Camilleri**, deciza fil-25 ta' Jannar, 2013, kienet ghamlet dawn l-osservazzjonijiet fil-kuntest tal-principju in materja:

"14. In-natura assoluta tal-proprjetà ma tfissirx li s-sid jista' jagħmel bi ħwejġu dak kollu li jrid; ifisser biss li ebda jedd ieħor ma jagħti fakultajiet usa' milli tagħti l-proprjetà, li, iżda, ukoll għandha l-limiti tagħha.
"15. Dawn il-limiti tal-proprjetà jinqabżu, u hekk l-użu tad-dritt isir abbuż tad-dritt, mhux biss meta s-sid fiżikament jidħol fl-art ta' ħaddieħor, iżda f'każijiet oħra ta' *immissio in alienum* b'mezzi li, għalkemm ma jidhrux jew ma jintmissux, xorta jinħassu. Irwejjaħ u dħaħen ukoll jistgħu, jekk ma jkunux "fil-qies li jmiss", jitqiesu bħala invażjonijiet illeċiti tal-proprjetà ta' ħaddieħor u għalhekk il-ħsara li jagħmlu tkun *damnum iniuria datum*.
"16. Fejn insibuh dan "il-qies li jmiss"? Naturalment, l-irwejjaħ u d-dħaħen mhux dejjem jistgħu jinżammu fil-konfini tal-proprjetà mnejn jinħolqu, u jekk ngħidu li sid ma jista' jagħmel ebda forma ta' *immissio in alienum* inkunu

qegħdin innaqqsu wisq id-drittijiet tas-sid li jinqeda bi ħwejġu biex jieħu minnhom l-akbar utilità. Għalkemm is-sid għandu d-dmir li jnaqqas kemm jista' l-inkonvenjent lill-ġirien, dawn, min-naħa tagħhom, bħala parti mid-dmir tal-*buon vicinato*, għandhom jittollerew dawn l-immissjonijiet fl-interess ta' sfruttament aħjar tal-proprjetà sakemm dawn l-immissjonijiet ikunu fil-limitu ta' dak li hu raġonevolment tollerabbli.

"17. L-obbligazzjonijiet tal-*buon vicinato* għalhekk essenzjalment huma li, waqt li s-sid għandu l-ewwelnett inaqqas kemm jista' l-inkonvenjent li joħloq lill-ġirien l-użu tal-proprjetà tiegħu, il-ġirien għandhom id-dmir li jittolleraw dak ir-residwu ta' inkonvenjent inevitabbli sakemm dan ikun normalment tollerabbli fiċ-ċirkostanzi partikolari.

"18. Din il-qorti, f'sentenza mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1896 fil-kawża fl-ismijiet Bugeja *et v.* Washington et[21] kienet fissret hekk il-prinċipji u d-dmirijiet tal-*buon vicinato*:

»... ... ... non altrimenti che conciliando il principio dell'inviolabilità della proprietà col riguardo dovuto alla libertà ed allo sviluppo dell'industria si può giungere alla retta soluzione della quistione involuta nel giudizio; poichè, come una sconfinata estensione del diritto di proprietà potrebbe ridurre in limiti angusti e paralizzare la industria, così un mal inteso favore verso questa ultima avrebbe talora l'effetto di restringere indebitamente i diritti del proprietario;

»... ... ... la legge riconosce nel proprietario il diritto di usare liberamente del suo fondo, e di farvi le modificazioni che credesse convenienti, quand'anche privasse il vicino di qualche vantaggio, purché non gli rechi una grave molestia. *In suo enim alii hactenus facere licet quatenus nihil in alium immittat* L. 8, § 5, D *Si servitus vindicetur. ... ... ...*

»... ... ... quando la molestia prodotta dall'esercizio di uno stabilimento industriale non sia grave, non ecceda cioè quel limite di tolleranza che, dice il Consigliere Giorgi (*Obbligazioni* V, nº 424), costituisce la vera misura degli obblighi del buon vicinato, essa dev'essere sofferta dal vicino il quale non ha diritto di farla cessare o di chiedere un indennizzo a causa del pregiudizio cagionatogli; ma

---

21 App. 5 ta' Mejju 1897, Vol. XV n.258 p. 571.

se l'incommodo recato non è facilmente tollerabile diventa ingiusto, e può il vicino esigere la cessazione;
»... ... ... per riconoscere se la molestia prodotta dal rumore, dal tremolio o dal fumo sia grave o no si deve avere riguardo non solo alla sua natura, ma ancora alla posizione e destinazione dei luoghi, se questi, *esempli gratia*, siano situati in città od in campagna, se nel centro o nei confini della città, e se vi si esercitino di consueto industrie simili a quelle di cui si lagnano gli attori, e devesi tenere anche, fino ad un certo punto, conto della pre-occupazione, cioè dell'anteriorità del possesso (Demolombe e Giorgi *loc. cit.*).«

"Il-qrati komplew jimxu fuq dawn il-prinċipji f'sentenzi li ngħataw wara[22]."

L-istess principju gie enuncjat bl-istess mod recentiment mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Anastasi v. Cassar**, deciz fil-11 ta' Lulju, 2013, fejn intqal ukoll li
"… … … *il-molestja ghandha tigi sopportata mill-gar meta din ma tkunx gravi u cioe` meta din ma teccedix il-limiti tat-tolleranza.*"

F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti kellha quddiemha rapport tal-inginier Albert Sacco, li ghamel l-analizi tieghu anke fil-prezenza tal-perit Joseph Magro inkarigat mill-atturi, u rapporti mill-esperti William Cassar Torregiani u l-perit Albert Fenech fejn jinghad, fi kliem l-istess Qorti, li l-hsejjes li jiggeneraw il-magni "*ma humiex tali illi jikkostitwixxu inkonvenjent jew molestja gravi li qed jippretendu l-atturi*". Kif inghad l-ewwel Qorti ghamlet hi stess access fuq il-post, u kkonfermat il-konkluzjoni

22 Ara *e.g.* Vincenzo Meli *v.* Giuseppe Calleja, App. Ċiv. 5 ta' Frar 1908, Vol. XX-I-114; Calcedonio Ciantar *v.* Salvatore Ciantar, Kumm. 31 ta' Marzu 1938, Vol. XXX-III-365; Giacomo Muscat *v.* Giuseppe Falzon, App. Ċiv. 27 ta' Ġunju 1952, Vol. XXXVI-I-233; Pio Bezzina *v.* Giacomo Galea, App. Ċiv. 27 ta' Ġunju 1955, Vol. XXXIX-I-413; Pio Briffa *et v.* Joseph Aquilina *nomine*, App. Kumm. 15 ta' April 1966; Ronnie Scicluna *v.* Anthony Guillaumier *nomine*, Kumm. 19 ta' Ottubru 1970; John Testa *v.* Anthony Bruno *et nomine*, App. Kumm. 30 ta' Mejju 1988, Vol. LXXII-II-560; Emanuel Abela *v.* Sebastian Zammit, App. Ċiv.7 ta' Ottubru 1996; Charles Grima *nomine v.* John Caruana, P.A. 20 ta' Novembru 1998; Gustu Debono *v.* Emanuel Buhagiar, P.A. 21 ta' Ottubru 2001; Lawrence Baldacchino *v.* Joseph Spiteri, P.A. 14 ta' Ġunju 2002;

raggunta minn dawn it-teknici. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, ma tarax li l-ewwel Qorti ghamlet analizi zbaljata tac-cirkostanzi tal-kaz, u ghalkemm hu probabbli li, min-natura tax-xoghol tal-konvenut Cassar, ikun hemm certu hoss u forsi vibrazzjoni, ma jirrizultax li jezisti fastidju tali li kien qed jirreka molestja ta' natura gravi kif indikat mill-gurisprudenza. Hemm min ha r-*readings* waqt li l-magni gew imhaddma kollha f'daqqa, izda xorta ma gie ravvizat ebda inkonvenjent gravi. Ma jirrizultax mill-atti prova ta' hoss "atroci", kif jallegaw l-atturi appellanti, lanqas li kien hemm xi anomalija fil-mod ta' kif gie ezaminat il-livell tal-hsejjes. Meta sar ezami ta' hsejjes minn uhud mill-esperti, il-magni thaddmu fil-prezenza ta' iben l-attrici, Michael Livori, li huwa wkoll wiehed mill-atturi, li seta' jara b'ghajnejh li l-magni li kien hemm kienu thaddmu kif jithaddmu normalment. Ma jirrizultax li, f'dawk il-mumenti, saru xi lmenti dwar dan u, kif inghad, fl-ebda test ma gie registrat hoss eccessivament aggressiv.

Lanqas, mill-provi, ma jirrizulta ness bejn ix-xoghol tal-konvenut Cassar u l-allegat hsara ghal sahhet l-attur u l-allegat deprezzament fil-valur tal-fond taghhom. L-atturi jilmentaw fuq "min jaf kemm gew respirati *fumes* dannuzi ghas-sahha", pero` ma saret ebda prova la li jintuzaw kimici perikoluzi fil-fond tas-sur Cassar u lanqas li saret xi hsara lill-atturi b'rizultat dirett ta' xoghol il-konvenut. Kollox baqa' fl-isfera ta' spekulazzjoni li ma tista' taghti ebda lok ghal xi forma ta' responsabbilita`.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi billi tichad l-istess, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti – bl-ispejjez kollha jithallsu mill-atturi flimkien u in solidum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------